MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2005

Numru 22/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond D'Anastasi)**

**Vs**

Brian Joseph Mangion

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Brian Joseph Mangion ta' karta ta' identita' numru 156168(M), akkuzat talli:

F'Hal-Qormi fl-20/07/2003 ghal habta tas-siegha u kwart ta' wara l-ikel;

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew bhebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra is-surgent Nru. 175 George Pace liema persuna hija nkarigata skond

il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet taggixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-Surgent 175 George Pace skond kif iccertifika Dr Diane Tabone M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku u cioe' membru tal-Korp tal-Pulizija bin-numru 1570 ikkommetta reat meta kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

4. sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta skond sentenza datata l-5 ta' Mejju 2003, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi meritu l-kawza jipprospettaw l-attakk jew resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra ufficjal pubbliku (Artikolu 96 Kap 9); l-offiza ta' natura hafifa maghmula kontra l-istess ufficjal pubbliku (Artikolu 221 Kap 9); l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 141 tal-Kap 9; r-recidiva.

Mill-provi ddelinja s-segwenti kwadru tal-fatti: li l-imputat huwa jew kien wkoll membru tal-korp tal-Pulizija u fid-data u hin indikat fl-akkuza kien dettaljat xoghol Hal-Qormi precizament tal-march li kien ser isir in konnessjoni mal-festa tal-qaddis padrun tal-parocca ta' San Bastjan. Fil-hin tal-march u f'xi hin taghha nqala' argument bejn l-imputat u PS175 meta lil dan ta' l–ahhar deherlu li l-imputat m'ghamilx dak li kien miftehem li jaghmel, cioe' li

jissorvelja li waqt li jkun ghaddej l-march jaccerta li ebda karozzi ma jittransitaw mir-rotta tal-march. Waqt li s-Surgent avvicina lill-imputat u gie fil-fatt wicc m'wicc mieghu wera d-disapprovazzjoni tieghu billi pogga subghajh ma' wicc l-imputat u b'lehen gholi rrimostralu d-disapprovazzjoni tieghu. Jirrisulta wkoll li s-Surgent hawnhekk uza xi kliem improprji diretti kontra l-imputat li minn naha tieghu rrejagixxa billi ghamel biex inehhi seba' s-surgent minn ma' wiccu u fil-kors ta' din ir-rejazzjoni laqghat lill-istess surgent f'widnejh tax-xellug. Dan hu l-incident li ta' lok ghall-akkuzi odjerni u fejn l-ebda xhud ma stqarr b'mod dirett li l-imputat ta' daqqa ta' ponn lis-surgent.

Illi minn dan il-kwadru tal-fatti u mill-entita' tal-griehi riskontrati, kif deskritti mit-tabiba li mmedikat lill-kwerelant, il-Qorti qeghdha taghti kredenza lill-fatt li ma kienx kaz ta' xi daqqa ta' ponn, li l-ebda xhud prodott ma irrifera ghalih, izda ta' gest ritaljattiv sabiex jitnehha s-seba' minn wicc l-imputat.

Issa din l-Qorti mhiex qeghdha hawn taghti gudizzju dwar xi nsubordinanza jew nuqqas ta' dixxiplina tal-imputat. Ghandha biss tiggudika jekk kienx hemm fl-agir tal-imputat dak l-att kriminuz li jghati aditu ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu. Mill-provi dan ma rrisultaliex.

Tiddecidi ghalhekk, fid-dawl tal-fuq espost, illi ma ssibx l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------